**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 28 ta' Frar, 2019**

**Rikors nru: 419/18 AGV**

AB
Vs
CD

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fit-18 ta' Settembru, 2018 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu fil-15 t'April, 1994 fil-Knisja Parrokkjali ta' Bormla.

2. Illi dan iz-zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku permezz tal-Att taz-Zwieg bin-numru progressiv tar-Registru 412/1994. Kopja tac-certifikat anness u mmarkat Dok.A.

3. Illi minn dan iz-zwieg twieldet il-maggorenni E nhar it-8 ta'April, 1996 u detentrici tal-karta ta' identita'156496 (M).

4. Illi dan iz-zwieg tkisser irrimedjabilment u s-separazzjoni personali bejn il-partijiet hija regolata permezz ta' decizjoni ta'din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet "AD f' isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' bintha minuri ED vs CD," deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), nhar il-Hamis 30 ta' Marzu, 2006, kopja legali hawn annessa u mmarkata Dok. B.

5. Illi l-esponenti ilhom separati legalment ghal aktar minn erba' snin.

6. Illi ma hemmx possibilita' li l-partijiet jergghu jirrikonciljaw.

7. Illi ma hemmx manteniment li huwa pendenti.

8. Illi ghalhekk r-rekwiziti tal-Artikolu 66B huma kollha rispettati, kif tirrikjedi l-ligi.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex :-

a) Tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet ta'nhar il-15 t'April, 1994 fil-Knisja Parrokkjali ta' Bormla jigi mahlul u dikjarat xolt.

b) Tordna li d-digriet ta’din l-Onorabbli Qorti jigi notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan il-hall taz-zwieg jigi debitament registrat skond il-ligi; u

c) Taghti kull provvediment ulterjuri li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportun.

Rat li l-intimat debitament notifikat baqa’ kontumaci.

Rat l-Artikolu 66 A u B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha esebiti;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti rnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ppruvat illi l-partijiet ilhom sseparati mit-30 ta’ Marzu, 2006 skond sentenza fl-ismijiet **AD et noe. vs CD**.

Tikkonferma li m’ghadx hemm ic-cans ghar-rikonciljazzjoni.

Tikkonferma ukoll li ma hemmx pendenzi fuq il-hlas ta’ manteniment skond is-sentenza.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1.Tilqa’ t-talba tar-rikorrenti u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu

66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

2.Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor Anthony Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**